KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 54** **Tlieta 6 ta' Diċembru 2022**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:20 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech – Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar - Kunsillier
Francis Deguara - Kunsillier
Dott. Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Mario Victor Camilleri - Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier
George Borg - Kunsillier
Anna Galea - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Aiken Zerafa - Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier

**ASSENTI:**
Maria Pia Bonnici - Kunsilliera

**MISTIEDEN:** Daniel Galea - Accountant

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Abela fejn nfurmat li ġejja tard, u tal-Kunsilliera Zerafa u Micallef. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija tal Viċi Sindku Abela, u tal-Kunsilliera Zerafa u Micallef.

Fis 6:20 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu *item* 54.5.4 Quarterly Report No. 3 – Lulju sa Settembru 2022.

**54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 53**

**REF: 37.4.14 Triq Durumblat**

Dwar L/576/2020/1 Acquisition of Land upgrading of Triq Durumblat Mosta, s-Sindku nforma li għad ma rċevejniex stima mil-Lands.

**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad hemm xi dokumenti li jridu jiġu mimlija b'figuri, dikjarazzjoni mil-accountant eċċ, kif wkoll għad jrid jiġi mħejji rapport ta' tlett snin.

Saret diskussjoni dwar jekk għandhiex nitolbu devoluzzjoni għal-ġonna l-oħra, fejn sar qbil li għall-ġonna l-oħra ma jkunx hemm talbiet għal permess/*no objection.* Peress li t-talbiet huma ftit li xejn ser niffukaw fuq Devoluzzjoni għal ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA u Tal-Ġeneral Co. Ltd.**

Rigward l-offerta ta' €215,000 li saret lil Tal-Ġeneral Co. Ltd, għadna ma rċevejniex risposta. Rigward tal-PAMA, s-Sindku ċempel l-avukat tal-Kunsill u nforma li l-PAMA bagħtu komunikazzjoni b'email lill-Kunsill fejn dawn offrew li jew jsir proġett x'imkien ieħor u mhux ta' Mlit, jew is-somma tintefaq fi proġetti oħra fil-lokalità. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ma jidhirx li hemm imejl dwar din il-proposta, u l-avukat għandu jibgħat l-proposta.

Saret diskussjoni fejn Il-Kunsillier Cassar nforma li kieku għalih jkompli bl-arbitraġġ, u staqsa jekk l-PAMA mhux ser jeħel interessi min Mejju 2019 min meta kien obbligat jlesti l-proġett. Tkompliet id-diskussjoni fejn is-Sindku nforma li fl-opinjoni tiegħu aħjar nutiliżżaw l-flus issa, mill nagħmlu xi snin arbitraġġ, għax jgħaddu ammont ta' snin, u s-somma ma tkun tiswa xejn fil-futur. Huwa qal biss l-arbitraġġ tal-Ġeneral ilu ħdax il-sena għaddej u għadu mhux deċiż.

Il-Kunsillier Cassar nforma li l-Kunsilliera Rapa bħala nutar kienet ifformulat l-*agreement* fl-2016 senza interessi, fi-żmien l-eks Sindku Edwin Vassallo, wara l-kuntratt ġie ffirmat mil-eks Sindku Ivan Bartolo, u s-Sur Pawlu tal-PAMA, fejn ix-xogħolijiet kellhom jitlestew sa Mejju 2019. Sa l-2019 il-PAMA kien għadu lanqas tefa l-applikazzjoni ma l-Awtorità ta' l-Ippjanar, fl-2017 u l-2019 il-Kunsillier Cassar meta kien Sindku rrapporta lil-PAMA darbtejn lil Awtorità ta' l-Ippjanar. Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li fi żmien s-Sindku Romilda Baldacchino Zarb tkomplew id-diskussjonijiet u ma wasalna mkien, fejn fl-aħħar il-membri tal-Kunsill iddeċidew li jibgħatu ittra legali liema ittra ma swiet xejn, u għalhekk il-Kunsill qatt ma tlajja imma kien il-PAMA. Anke meta l-Perit tal-PAMA talab biex jsir *test* tas-saqaf, sena wara bagħat li mhux kuntent bit-*test* li sar.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ser tistaqsi l-avukat, jekk nistgħux nitolbu tlett snin u nofs f'interessi.

Apparti min hekk is-Sindku nforma li huwa kien ser jitkellem mall-Ministeru tal-Enerġija u Ambjent biex jara jistax jasal li dan il-proġett Ta' Mlit isir mill-istess Ministeru bħal ma hu qed isir Ġnien Carmelo Dimech. Jekk ikun il-każ, allura ma l-PAMA nkunu nistgħu naslu li ndawru dan l-ammont ta' flus pendenti biex jintefqu fuq proġett ieħor fil-Mosta.

**REF: 46.4.5 Kommunikazzjoni – Pjanti Triq Difiża Ċivili**

Is-Sindku nforma li x-xogħol bejn Difiża Ċivili sar *roundabout* għandhom jitlestew sal-aħħar ta' Jannar 2023. Rigward il-proposta tat-*Traffic Management Committee,* biex it-traffiku ta' Fort *street* jibqa' ħiereġ lejn triq il-Kostituzzjoni, mhux min triq Sir Arthur Borton*,* Infrastructure

Malta (IM) ma qablux mal-proposta. Saret diskussjoni dwar għalfejn IM ma qablux, u s-Sindku nforma li triq Nikol Muscat biss ser jagħmlu IM. Dwar Triq il-Fortizza IM nformaw lis-Sindku li kull ma fadal xahar biex jinbeda x-xogħol fi Triq il-Kostituzzjoni u għalhekk ma jagħmilx sens dan it-tibdil. Il-Kunsilliera insistew li dan it-Traffic Management propost għandu jsir akkost li jsir mill-Kunsill. Is-Sindku stqarr li ser jerġa jitkellem ma IM u jispjega l-problema ta' traffiku li qed ikun hemm f'din iż-żona.

**REF: 46.4.15 Kommunikazzjoni – Elles Urban Services**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kuntrattur Elles Urban Services, ħa jibgħat ittra biex jagħti permess lil-Kunsill, biex peress li t-tender tiegħu jiskadi 14.04.23, jekk it-tender jkun lest, ippublikat u evalwat qabel id-data ta' skadenza tal-kuntratt kurrenti li l-Kunsill għandu miegħu, minħabba raġunijiet familjari lest li jieqaf qabel, u l-Kunsill jkun jista' jaħdem bil-kuntrattur l-ġdid.

Il-Kunsillier Cassar talab biex nistaqsu lid-DLG, peress li l-kuntrattur Elles Urban Services qed jdum biex jagħmel ix-xogħolijiet, u ħriġna bosta *works orders,* li għadu ma bdihomx.

**REF: 46.5.4 Ġnien Grognet de Vasse u Ġnien 15 t'Ottubru**
Is-Sindku nforma li qed nistennew data mil-Ministeru, però fadal xi xogħolijiet mill-kuntrattur tal-Parks and Gardens, allura mhux qed nagħfsu fuq data mal-Ministru għal-ftuħ.

Fis 7:50 daħlet għal-laqgħa il-Viċi Sindku.

**REF: 48.3.8 Kommunikazzjoni: Coring Works fi triq il-Bażilika**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li nġabar il-pagament fejn ir-resident ħallas tax-xogħolijiet ta' *coring* li saru fi triq il-Bażilika.

**REF: 48.3.14 Kommunikazzjoni: Survey tal-Pjazza/Constitution/Main Str**
Is-Sindku nforma li x-xogħol ta' *survey* dwar *timed parking* tlesta u għandu jintbagħat biex jkun diskuss fit-*Traffic Management Committee*, imbagħad jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**REF: 49.3.8 Kommunikazzjoni: Notice**
Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) nfurmat li l-impjegat Shaun Theuma Marshall għadu ma ħallasx il-pagament dovut tan-*notice period.* Is-SE nfurmat li reċentement iltaqet miegħu fejn fakkritu, u informaha li ser jħallas il-pagament f'daqqa għal ħabta t'April, u għalhekk talbitu biex jirrispondi l-imejl li kienet batitlu bħala konferma, għax kien qatt ma rrisponda.

**REF: 49.03.14 Kommunikazzjoni: Ħmieġ fil-Housing Estate**
Is-Sindku nforma li x-xogħol beda fejn hemm il-ħmieġ u *soft areas* fejn hemm illegalitajiet fosthom ċertu żoni magħluqin bil-*fencing* u abbandunati, li ser jitneħħew u ser jitnaddfu.

**REF: 49.3.15 Kommunikazzjoni: Proġett ta' Junctions Vjal Indipendenza/Triq il-Kbira**
Is-Sindku nforma li d-*diversion* li hemm fejn San Silvestru hija minħabba li qed tinbena r-*roundabout* u *l-Boundary* Wall l-ġdid f'tarf Vjal l-Indipendenza kantuniera ma Triq il-Kbira.

**REF: 49.4.7 Bring-In-Sites**
Is-Sindku nforma għad jrid jibgħat l-pjanti ta' triq il-Fortizza u ġnien l-Għarusa tal-Mosta, u s-Segretarju Eżekuttiv fakkret li rridu nagħtu risposta sal-Ġimgħa 9 ta' Diċembru.

Dwar lokalitajiet oħra ta' Bring-In-Sites, is-Sindku nforma li kien hemm residenti li talbu li jkun hemm *set* fil-Housing Estate.

**REF: 50.3.8 Summer Breaks min Xogħolijiet ta' Kostruzzjoni.**
Il-Kunsillier Cassar talab biex ma din it-talba ta' *site plan* li tindika z-zoni turistiċi, nerġgħu ntellgħu t-talba biex il-Mosta tkun belt, fejn il-Kunsillier Camilleri nforma li din it-talba tista' ssir flimkien ma l-għaqdiet. Is-Sindku nforma li ser jitkellem fuqha aktar tard waqt il-laqgħa.

**REF: 50.3.10 Agreement RS2**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-MoU ġie ffirmat ma l-RS2, u issa bħala Kunsill irridu minnufih nibdew naħdmu fuq x'irriu f'din il- *mobile app.*

Il-Kunsillier Cassar nforma li flimkien mal-Kunsilliera Bonnici kellhom bosta idejat dwar l-*app*, u għalhekk s-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota, u nfurmat lil-Kunsillier Cassar li jista' flimkien mal-Kunsilliera Bonnici jagħmlu laqgħa magħha u mas-sindku ħalli mgħaqdu l-idejat flimkien ta kif ser tkun iddisinjata l-*mobile app*. Importanti li bħala Kunsill naraw xirridu ħalli RS2 jibdew jaħdmu fuq din l-App.

**REF: 50.4.6 Active Ageing & Community Care: MOU Dementia Group**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-MoU ġie ffirmat min naħa tad-Dementia Group, u rċevejna kopja tiegħu.

**REF: 50.4.8 MOU Outdoor Gym**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad ma rċevejniex *draft* tal-MoU biex jkun iffirmat, u reġgħet bagħtet tfakkira, nhar il-Ġimgħa li għaddiet 2 ta' Diċembru.

Is-Sindku nforma li l-prinċipal tal-kulleġġ is-Sur Decelis, staqsa dwar l-artiklu ta' l-Outdoor Gym, fejn is-Sindku nfurmah li kollox sar kif suppost, inħareġ tender, kien ippublikat u evalwat u li kien trasparenti għal-kollox, u mhux ser jkun hemm medja sakemm is-Sur Decelis ma jridx li jkun hemm midja waqt l-iffirmar ta' l-MoU.

Il-Kunsillier Borg nforma li ressaq it-talba mal-kap tal-kulleġġ biex il-parkeġġ tal-kulleġġ jkun miftuħ għar-residenti, imma l-inkwiet tagħhom huwa li l-vetturi jibqgħu pparkjati hemm. Il-Kunsillier Borg nforma li nhar it-Tnejn ser jkun iffirmat l-MoU mal-kulleġġ tal-Qawra, u uħud mil-kundizzjonijiet li għandhom mal-kulleġġ tal-Qawra huwa li sas-6:00 ta' filgħodu l-vetturi jridu jkunu ħarġu mil-parkeġġ, u min ma joħroġx jkun *towed* jew *clamped.* Punt ieħor li kien diskuss huwa dwar CCTV kameras, li jridu jkunu *monitored* mil-istaff tal-Kunsill, meta jidħol rapport.

Is-Segretarju Eżekuttiv ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jkollu ħlas amministrattiv mil-perċentaġġ tal-*clamping* jew *towing.*

**REF: 50.5.6 – Phase 3 Lighting Pjazza**
Is-Sindku nforma li tkellem ma Infrastructure Malta (IM), u huwa ġie nfurmat li IM ma jidħlux għal dan it-tip ta' proġett bil-kuntratturi tagħhom għax dan mhux relatat max-xogħol tal-bini tat-toroq.

Il-membri preżenti qablu biex nistaqsu lid-DLG, jekk nistgħux bħala Kunsill nkomplu bl-istess dawl u jintuża l-kuntrattur li ntuża mill-*Mosta Dome Foundation.*

**REF: 52.3.2 Ċirk AKL 2022/87 – Proġett 30 Anniversarju Gvern Lokali**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa d-daħlet l-applikazzjoni biex inressqu l-Bażilika tal-Mosta bħala l-monument li l-aktar tirrappreżenta l-lokalità tagħna.

**REF: 52.3.4 Regjun Tramuntana Libraries Assistance Scheme 2022-3**
Il-Kunsillier Borg nforma li kellu laqgħa mal-librerija reġjonali, fejn talbu li għandhom bżonn *photocopiers,* u talabhom biex jġibu kwotazzjonijiet, fejn *suppliers* ipprovdew żewġ opzjonijiet, jew biex jixtru jew *leasing.*

Saret diskussjoni bejn il-membri preżenti fejn is-sistema tal-Braille mhijiex daqshekk viabbli, għax apparti l-ispejjeż wieħed jrid jara d-demografika kemm hemm min jagħmel użu mil-Braille fil-librerija ġewwa l-Mosta. Tkompliet id-diskussjoni fejn hemm bosta spejjez wkoll għal manutenzjoni ta' *photocopier,* u l-membri qablu biex il-fondi ma jintefqu fuq affarijiet oħra.

**REF: 52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad ma hemmx risposta mil-ERA dwar is-siti proposti mil-Kunsill, u fakkret li dawn huma, LIDL, ġibjun ta' Mlit u fil-parkeġġ ta' ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

**REF: 52.3.11 Contract of Service Maid u Handyman Service**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fl-aħħar laqgħa nfurmat lil-Kunsilliera bir-rati skond ix-Schedule Grades 2022. Rigward Assistant Foreman Scale 13 li kienet €18,074.00, din ħa tinbidel għal-General Hand, għax fil-verità l-grad li kienet qed tfittex kienet ta' *handyman,* però din l-iskala mhux mniżżla fi Schedule Grades;

- Senior Foreman Scale 11 - €20,615.98
- General Hand Scale 19 - €11,444
- Cleaner Scale 20 - €10,355.00

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dwar il-*contract of service,* huwa biss għal servizzi li ma jaqbżux il €5,000 eskluż VAT, allura possibbilment nistgħu nmexxu biss b'*service agreement* ta' *cleaner.*

Fit-8:30 il-membri qablu li l-ħin tal-laqgħa jkun estiż sad-9:30pm.

**REF: 52.4.1 Edukazzjoni u Ambjent**
Il-Kunsillier Borg nforma li kellu laqgħa mal-ħaddiema ta' Ambjent Malta fuq xogħol ta' għamara, u marru l-iskola B fejn il-kap tal-kulleġġ ħarġet b'xi idejat dwar il-*planters,* liema disinji ġew murija lil-membri preżenti.

Il-Kunsillier Borg żied jgħid li bħalissa qed jitħabat ma l-FTS biex jsir is-*soft flooring* qabel ma jitwaħħlu l-*planters.* Rigward iż-Żokkrija ftehmu li l-biċċa ta' wara l-grada, laqqgħu lil ħaddiema tal-manutenzjoni ta' Ambjent Malta, fejn ħadmu l-kwotazzjonijiet, ħalli fil-vakanzi jibdew ix-xogħolijiet.

**REF: 52.5.4 Mosta Bridge Lighting – Under**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kienet iddaħħlet l-applikazzjoni għal dan il-proġett, Proġetti fil-Kommunitajiet LESA, u għadna qed nistennew jekk l-applikazzjoni ġietx aċċettata.

**REF: 52.5.5 Mosta Bridge Lighting – Above**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kienet iddaħħlet l-applikazzjoni għal dan il-proġett, Proġetti fil-Kommunitajiet LESA, u għadna qed nistennew jekk l-applikazzjoni ġietx aċċettata.

**REF: 52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li bagħtet lil-avukat tad-DLG bil-prezzijiet riveduti tal bye-law u staqsiet jekk il-multi għandhomx jinbidlu wkoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li fl-aħħar laqgħa l-membri approvaw li l-prezzijiet tal-Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq ippublikati fl-2001, għandhom jkunu riveduti hekk kif inhu ġej:

| Qisien | Dritt Dovut | |
|---|---|---|
| | Xahar | Sena |
| Sa 0.1 metru kwadru | €20 | €200 |
| Sa 1.0 metru kwadru | €50 | €500 |
| Sa 2.0 metru kwadru | €100 | €1,000 |

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil membri preżenti dwar il-qis l-fuq min 2.0 metri kwadri, li bħalissa qiegħed €4.66 kuljum (sakemm dan ma jkunx inqas minn €93.17).
Il-membri preżenti qablu li mhux qed jkun aċċettat reklamar l-fuq min 2.0 metri kwadri.

**REF: 53.3.2 Bicycle Racks**
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet fakkret li ntbagħtet l-*feedback* dwar il-*locations*, biex it-Traffic Management Committee (TMC), jikkonferma s-siti mniżżlin fuq l-*excel sheet* li ġiet ippreparata mis-Segretarju Eżekuttiv, però għada bla risposta.

**REF: 53.3.3 Skema ta Għajnuna għal Tiżjin tal-Milied fil-lokalità 2022-2023**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-applikazzjoni ntbagħtet u qed nistennew l-approvazzjoni mil MTA, fejn fakkret li ser nibbenefikaw €5,000 għat-tiżjin tal-Milied.

**REF: 53.5.6 Infrastructure Malta Road Works 2023-2025**
Is-Sindku nforma li bagħat il-lista lil-Kunsilliera, u nforma li toroq fejn ma hemmx 80% ta' bini residenzjali ma jistgħux jsiru t-toroq. Is-Sindku ta' *update* u kif ġew magħżulin it-toroq li qed tiġi annessa bħala Appendiċi A.

Is-Sindku nforma li ser jikteb lil-Ministru biex jirringrazzja għal-investiment ta' toroq li ser jsiru fil-Mosta, però minkejja li t-toroq kellhom jitlestew f'seba' snin sa l'2025, il-Mosta mhux ser jkollna t-toroq lesti kollha, għalhekk tajjeb li kieku jiżdied il-mettraġġ biex jiddaħħlu aktar toroq. Tkompliet id-diskussjoni ta' toroq li jistgħu jiżdiedu mal-lista li huma: Camillo Sciberras, Sir Temi Zammit, San Anton Abbati, Sant' Anna, l-Inkurunazzjoni, George Mitrovich u Speranza, fejn dawn jammontaw għal madwar 20,000 metru kwadru ieħor.

**REF: 53.5.7 Update Traffic Management Plan**
Il-Kunsillier Gatt talab biex jsir xi forma ta' *safety* fejn is-City Bar u San Remo Bar. Sindku nforma li aktar qed jara li ssir *sleeping police* mill *crash barrier*, u żied jgħid li jixtieq jevalwa it-triq kolla fi triq il-kbira, bħala sigurtà ta' traffiku. Għalhekk sar qbil li naraw fejn jistaw jitwaħlu numru ta' *sleeping police* fi Triq il-Kbira.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 53.

**54.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**54.3.1 Korrispondenza – Tiġdid tal-Leave għas-sena 2023**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għal approvazzjoni tal-Kunsill it-tiġdid tal-*leave* ta' 34.75 siegħa, ta' Lorraine Zammit Tabone kif ukoll it-tiġdid tal-*leave* ta' 61 siegħa ta' Sarah Abela.
Il-membri preżenti unanimament approvaw it-tiġdid tal-*leave* għas-sena 2023.

**54.3.2 SPI/SCI/10/2022-Espressjoni ta' Interess -Żvilupp u Titjib ta' Latrini Pubbliċi**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna ċirkulari SPI/SCI/10/2022-Espressjoni ta' Interess - Żvilupp u Titjib ta' Latrini Pubbliċi fejn nistgħu nibbenefikaw €60,000.

Is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali b'kollaborazzjoni mad-Direttorat tal-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*, qed ivara din l-Espressjoni ta' Interess indirizzata lill-Kunsilli Reġjonali sabiex jingħataw assistenza finanzjarja u jkunu f'pożizzjoni li jipprovdu għajnuna lill-Kunsilli Lokali. Dan sabiex fil-lokalitajiet tagħna jiġu introdotti latrini pubbliċi b'sistemi ta' tindif awtomatiċi bl-użu tal-aħħar teknoloġija disponibbli.

Bħala Kunsill aħna nfurmajna lir-Reġjun Tramuntana bl-interess tagħna, biex napplikaw. Kull Kunsill Reġjonali għandu l-opportunità li jibbenefika minn fond sa massimu ta' €360,000 li minnu għandhom jibbenefikaw minimu ta' 6 (sitt) Kunsilli Lokali.

**54.3.3 Meeting regarding Environment Funds (ERA)**

Is-Sindku nforma li hemm fond ambjentali li min japplika għal żvilupp jikkontribwixxi fih. Dan huwa simili għal fond għan-nuqqas ta' parkeġġi (CPPS). Bħala Mosta għandna €120,000 u dawn jistgħu jintużaw biex isir proġett ambjentali. Is-Sindku talab lil-membri preżenti għal xi idejat.

Is-Sur Deguara ssuġġerixxa ta' Mlit u l-Kunsillier Cassar issuġġerixxa *green wall.* Is-Sindku nforma li fejn il-kappella ta' l-Isperanza hemm art tal-gvern, u ssuġġerixxa li din l-art tkun riabilitata f'*park,* jew *community garden* jew *dog park* eċċ.

Is-Sindku nforma li ser jibgħat *site plan* lill-Lands fuq din l-art biex iġib aktar informazzjoni. Huwa talab lil-membri preżenti biex jaħsbu x'jista' jsir bħala proġett biex jiġu eżawrit dan il-fond.

**54.3.4 WM Environmental ltd vs Kunsill Lokali Mosta -Deċiża**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kawża kontra WM Environmental ġiet deċiża favur WM Environmental għas-somma ta' €61,509.14.

**54.3.5 Consultation Reply LN of 2022 Development Planning Act Regularisation of Existing Development**

Is-Sindku nforma li kien hemm *time limit* dwar konsultazzjoni tad-*Developmant Planning Act* biex jkunu regolarizzati bini irregolari ġo żoni ODZ. Is-Sindku nforma li bħala Kunsill bagħat l-oġġezzjoni, li qed tiġi annessa bħala Appendiċi B.

**54.3.6 Tender ta' Skart Reġjonali**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li llum rċevejna imejl mir-Reġjun Tramuntana liema imejl ġiet ċċirkulata mal-Kunsilliera.

Ilbieraħ, wara laqgħa urġenti organizzata mid-DLG, issa ninsabu infurmati li t-tender il-ġdid tal-iskart se jibda jaħdem fit-2 ta' Jannar 2023. Ir-Reġjun għad qed jistenna aktar dettalji, imma pjanat li Malta kollha tibda fl-istess data. Ser jkun hemm bidla fl-iskeda għal skeda nazzjonali waħda, li tibda fit-2 ta' Jannar.

Il-ġimgħa d-dieħla, ser jiltaqgħu mal-kuntrattur biex jiddiskutu l-iskeda tax-xogħol u l-pjan. Aktar dettalji jintbagħtu ser jintbagħtu mir-Reġjun malajr kemm jista' jkun ladarba jkunu disponibbli.

Fid-9:05 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu *item* 54.5 Rapporti.

Fid-9:05 Il-Kunsilliera Rapa talbet biex tkun skużata mil-laqgħa.

**54.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**54.4.1 Sleeping Police Triq il-Mitħna**

Il-Kunsillier Borg nforma li hemm pjanta biex issir *speed moderator* fejn ġnien Victor Calvagna, liema *speed moderator,* kienet ġiet aċċettata min resident wieħed, u l-Kunsillier Cassar kien nforma li resident wieħed mhux biżżejjed biex Transport Malta (TM), jaċċettaw li ssir.

Il-Kunsillier Borg, nforma li għanda nibqgħu ninsistu bit-talba tagħna ma TM, għax ser jinqala xi aċċident ikrah, inkluż biex issir *zebra crossing.*

Fid-9:50 il-membri qablu li l-ħin tal-laqgħa jkun estiż sal-10:00pm.

**54.4.2 Triq Dun Mikiel Xerri**

Il-Kunsillier Gatt staqsa kif bqajna mal-kuntrattur Ġovann dwar meta ser jibda triq Dun Mikiel Xerri. Is-Sindku nforma li l-aħħar li tkellem mal-kuntrattur, huwa informah li f'Jannar jibdew bl-ewwel proġett, mil-lista ta' toroq li hemm.

**54.4.3 Bollards: Sofra Restaurant**

Il-Kunsillier Gatt staqsa jekk il-*bollards* li hemm quddiem tas-Sofra jistgħux joħorġu ftit il-barra sat-tarf, peress li qed jipparkjaw il-vetturi. Is-Sindku nforma li dawk mhumiex bil-permess, u talbuh biex jitħallew in-negozji jekk jkun hemm bżonn xi ħadd jieqaf biex jgħabbi.

**54.4.4 UPDATE HARĠIET**

Il-Kunsillier Deguara nforma li għal-festin tal-Milied għal-anzjani spejjez ser jkunu €880, fejn l-anzjani ser jħallsu €5 għal-biljett biex niġbru ftit mil-ispejjeż.
F'Jannar ħa ssir żjara l-Parlament, u għat 23 ta' Frar il-ħarġa ħa tkun żjara l-arkivji nazzjonali r-Rabat.

**54.4.5 Nar ta' l-Ajru**

Il-Kunsillier Camilleri nforma li s-Sindku fakkru, li ser jkun hemm talba mil-għaqdiet tan-nar fil-Mosta, biex jkunu jistgħu jaħarqu nar ta' l-ajru lejliet l-ewwel tas-sena. Din ħa tiswa €1,000, jiġifieri €500 kull għaqda. Il-membri preżenti approvaw is-somma ta' €1,000.

**54.5 Rapporti**

**54.5.1 Update - Development Funds as at 06.12.2022**

*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**54.5.2 Update- Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara li rċevejna l-lista ta' kandidati prospettivi *part* 1 mil-Jobsplus, ltaqa l-bord fejn min 7 applikanti, tnejn kienu *regret*, wieħed ma rrispondhiex għal-appuntament li sarlu biex jagħmel l-*interview*, waħda ma setgħetx tattendi, u tnejn ma kienux aktar interessati, u għalhekk sar *interview* wieħed. Il-persuna li saritlu l-*interview* ma għaddiex, u għalhekk issa saret talba lil-Jobsplus biex jibgħatu l-lista *part 2,* imma ġejna nfurmati li ser jibgħatu l-lista *part 3.* Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li sal-lum għadna ma rċevejniex il-lista mil-Jobsplus.

**54.5.3 Update - Ingaġġ ta' Skrivan Skala 16**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li saru l-i*nterviews* fuq jumejn, u ntgħażlet persuna biex jimtela l-post vakanti Assistent tal-Kunsill, fejn ħa tibda fis-16 ta' Jannar 2023.

**54.5.4 Quarterly Report No. 3 – Lulju sa Settembru 2022**
L-Accountant Daniel Galea ressaq ir-rapport tal-*accounts* bejn Lulju u Settembru 2022, li jibda mil 1 ta' Jannar 2022.

Paġna 4 – Ħruġ u dħul tal-Kunsill fuq natura rikorrenti fejn total ta' dħul kien ta' €1,234,165.00 u ħruġ kien ta' €1,359,431.00, għalhekk fuq natura rikorrenti l-Kunsill daħħal anqas flus, u allura qiegħed b'defiċit ta' €125,266.00. Dan ma jfissirx li l-Kunsill m'għandux flus, imma fuq natura rikorrenti mil-allokazzjoni li l-Kunsill jirċievi, min permessi, kiri ta' sala eċċ, il-Kunsill qed jkollu aktar spejjeż ta' kuljum.

Paġna 7 – hawn l-ammonti aktar fid-dettal, fejn l-allokazzjoni mil-Gvern Ċentrali kienet ta' €1,076,841.00. Dħul min permessi €86,354 u €9,431 mil LESA.

Paġna 8 – *Personal Emoluments* tal-Kunsilliera u staff qegħdin mal-baġit fejn sa Settembru t-total kien ta' €239,902 min €364,250 li kien ibbaġitjat.

– *Operations and Maintenance,* hawnhekk fejn il-Kunsill nefaq aktar min dak li kien ibbaġitjat, fejn min baġit ta' €1,085,600.00, il-Kunsill sa Settembru nefaq €916,266.00. L-aktar spejjeż min dak li kien ibbaġitjat kienu f'*repairs and upkeep, bank charges, refuse collection.* Għalhekk il-Kunsill bħalissa qed jnaqqar mir-riservi li qegħdin imfaddla biex jsiru proġetti fil-lokalità.

Is-Sindku nforma li jew nibqgħu għaddejjin kif qeghdin, għax il-Mosta hekk jixirqilha, jew jnaqqsu min żbir, tħawwil, ġbir ta' skart mod speċjalment dak mormi b'mod illegali, jitnaqqas il-ħasil tat-toroq, jitnaqqas ix-xogħol ta' bankini u *patching,* jitnaqqas it-tindif ta' *culverts* u bosta affarijiet oħra, li ma jistax jkun mod speċjalment fejn tidħol l-indafa fil-lokalità. L-allokazzjoni mil-Gvern Ċentrali mhux isservi biex naqdu l-Mosta, għalhekk irridu naraw min fejn il-Kunsill ser jdaħħal aktar flus min *bye-laws* u permessi.

Is-Sur Galea ssuġġerixxa li jekk il-Kunsill jixtieq jagħmel bankini, dawn nistgħu ngħadduhom ma proġetti kapitali, flok spejjez rikorrenti.

Is-Sindku nforma li flimkien mal-Kunsilliera Galea u s-Segretarju Eżekuttiv saret laqgħa ma s-Sa. Pisani direttriċi fi ħdan id-DLG, dwar il-*bye law* ta' ġnien l-Għarusa tal-Mosta, fejn ma ssuġġerietx li l-Kunsill jibda billi jmur għal-PPP, għax tieħu fit-tul ħafna, imma jibda billi jagħmel

il *bye law* biex jkollu dħul ieħor min dan il-ġnien. Waqt din il-laqgħa s-Sindku żied jgħid li s-Sa. Pisani nfurmatna li skemi ser jkunu skont kif japplikaw għalihom il-Kunsilli, u jintgħażlu min bord, u mhux jinħarġu skemi u kulħadd japplika għal kull waħda li toħroġ. Id-DLG ser jara l-*bussiness plan* preżentat flimkien mal-baġit *plan* tal-Kunsilli u x'qed jipproponu.

Is-Sur Galea kompla jispjega r-rapport finanzjarju f'paġna 5 fejn is-sitwazzjoni akkumulata sa Settembru l-FSI qiegħed ta' 59% li huwa ekwivalenti għal €852,249.00. Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk rċevejniex l-*invoices* kollha, jekk saritx proviżjoni għalihom. Is-Sur Galea nforma li din hija problema ta' kull sena fejn l-istaff jridu jiġru wara l-kuntratturi biex jibgħatu l-*invoices*, u għalkemm issir proviżjoni ma tkunx eżatta.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil-membri preżenti jekk kellhomx xi domandi dwar il-*quarterly.* Domandi ma kienx hemm u l-membri preżenti approvaw il-*quarterly report* numru 3 min Lulju sa Settembru 2022.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil-membri preżenti, biex l-Kunsill jżomm kemm jista' jkun mal-BOQ tal-proġetti, għax fejn jidħlu proġetti qed naqbżu sew l-ammonti ta' nfiq li qed jkunu pjanati.

**54.5.5 Mosta Community Services**
Il-Kunsillier Farrugia nforma li ta' l-FSWS fetħu *branch* fejn il Jobsplus, u rappreżentanta tal-FSWS kellmet lis-Sindku u lil-Kunsillier Farrugia, biex tara kif jista' jgħin il-Kunsill. Il-Kunsillier Farrugia nforma li l-FSWS joffru servizzi lil komunità u ssuġġerixxa biex issir laqgħa ma l-għaqdiet.

Il-Kunsillier Farrugia nforma li grupp Tislima li jifforma parti minnu, u li jaqa taħt id-dekasteru tiegħu, talbu għajnuna ta' €80 fis-sena, għal bżonnijiet ta' l-anzjani, fejn il-Kunsillier Farrugia nforma li ser jmur jixtri magħhom.

Il-membri preżenti approvaw €80 fis-sena.

**54.5.6 KLMT 02-2022 Tender for the Provision of Security Services at Gnien l-Gharusa tal-Mosta, Mosta**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li dan it-tender qed jkun f'finalizzat wara reviżjoni mid-DLG.

**54.5.7 KLMT 03-2022 Provision of General Architectural Services to the Mosta Local Council**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li jrid jsir l-evalwazzjoni mil-bord.

**54.5.8 KLMT 04-2022 Light Bollards in Gnien l-Gharusa tal-Mosta, Mosta**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ntbagħtet *reminder* imejl fit-28 ta' Novembru 2022 lil-Kunsilliera bid-dokument tat-tender għal *feedback* tagħhom qabel ma jkun ippublikat. Is-Sindku nforma li bħala speċifikazzjonijiet noqgħodu fuq l-Inġiniera Galea Curmi, però bħala *light bollard*, xtaq jitkellem ma l-Inġiniera Galea Curmi għax jixtieq opzjonijiet oħra ta' tipi ta' *light fittings.*

**54.5.9 KLMT 05-2022 Provision of Insurance Services – Mosta Local Council**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li d-dokument tat-tender qed jiġi f'finalizzat, fadal konferma mil-Kunsillier Camilleri biex jikkonferma l-lista ta' avvenimenti ta' l-2023, u lil-Accountant biex jikkonferma il-lista ta' l-assi jekk żdiedux jew naqsux.

**54.5.10 KLMT-06-2022 Street Sweeping Services In The Locality Of Mosta, Using Environmentally Friendly Service Vehicle**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għalkemm ħadmet fuq dan it-tender, hemm aġġornament mis-Sindku għal-approvazzjoni mil-membri biex il-kuntratt attwali tal-knis jkun mġedded b'sitt xhur.

Is-Sindku nforma li fil-laqgħa tar-reġjun tkellmu mal-Ministru Clayton Bartolo u Ramon Deguara tal-Cleansing Division, rigward problemi li għandhom dwar nuqqas ta' impjegati, kif wkoll l-MoU's li mhux qed jkunu onorati.
Sa Marzu/April li ġej il-Cleansing Division ser jimpjegaw bosta nies, u ħa jkunu jistgħu joffru servizz tal-knis b'rati ridotti, u ssuġġerew li min għandu kuntratt li ser jagħlaq dalwaqt, u jixtieq servizz tal-Cleansing Division, jestendu l-kuntratt bi ftit xhur sakemm il-Cleansing Division tibda bis-servizz tal-knis.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li jkun estiż il-kuntratt kurrenti tal-knis, li għandu l-Kunsill.

**54.5.11 KLMT 01-2023 Upkeep & Maintenance of Parks, Gardens, & Soft Areas using Environmentally Friendly Products and Practices.**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kuntratt attwali jiskadi fl-28.02.23, u għalhekk qed jinħadem *draft* tad-tender l-ġdid.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li allokazzjoni għal-2023 hija ta' €70,077, li ma tkopriex lis-spejjeż ta' Ġnien l-Għarusa tal-Mosta. Il-Kunsillier Cassar nforma li meta ġew kwantifikati s-*soft areas* li hawn madwar il-Mosta, jammontaw inqas mis-*soft areas* li hemm fi ġnien l-Għarusa tal-Mosta, imma meta kwantifikaw ġnien l-Għarusa tal-Mosta rriżulta li ħa nonfqu aktar milli kemm għandna fil-Mosta, u għalhekk €70,000 għandna bżonnhom għal ġnien l-Għarusa tal-Mosta waħdu.

Il-Kunsillier Cassar nforma li meta sar l-inawgurazzjoni ta' ġnien l-Għarusa tal-Mosta mil-eks Prim Ministru Muscat, kien semma li ġew investiti €500,000, u li issa dan il-ġnien ser jgħaddi f'idejn il-Kunsill, imma fondi għal manutenzjoni l-Kunsill qatt ma rċieva. Dan il-ġnien kien sar *refurbishment* tiegħu għax kien spiċċa mitluq peress li l-Kunsill ma kellux flus biex jimmantnieħ, u jekk mhux ser jkollna flus, ħa jerġa jispiċċa mitluq.

Is-Sindku nforma li għalissa ix-xogħol ta' manutenzjoni maġġuri qed issir min Ambjent Malta, u għalhekk sakemm il-ġnien jkun devolut, jistgħu jkomplu huma. Il-membri preżenti qablu biex nikkwantifikaw kemm infaqna fuq *extras* li għamilna mal-kuntrattur tal-Parks and Gardens.

**54.5.12 KLMT 02-2023 Provision of Bulky Refuse Collection from the locality of Mosta in an Environmentally Friendly Manner.**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kuntratt attwali jiskadi fl-28.02.23, u għalhekk qed jinħadem *draft* tad-tender l-ġdid.

**54.5.13 KLMT 03-2023 Road Maintenance of Access and Access only roads and ancillary works - Mosta Local Council**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kuntratt attwali jiskadi fl-14.04.23, u għalhekk qed jinħadem *draft* tad-tender l-ġdid.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li r-referenza ta' tenders li jispiċċaw bir-referenza 2022 ser jinbidlu, peress li l-pubblikazzjoni tagħhom u l-evalwazzjoni ser jsir fl-2023.

**54.5.14 Permessi Scaffoldings**

Is-Sindku nforma li kif tkellimna ma l-*accountant* hemm problema dejn jidħol dħul ta' ħlasijiet, fejn ntbagħtet imejl lil- Avukata tad-DLG, u s-Sindku qara r-risposta fejn tgħid li, "sakemm l-armar joħloq ostaklu l-miżata kif stipulata bil-liġi trid titħallas", "Dak li jikkwalifika bħala ostaklu jiġi determinat mill-kunsill lokali rilevanti fl-imsemmija lokalità". Is-Sindku nforma li ċempel lil Avukata fejn informatu li sta għal-Kunsill biex jiddeċiedi, jekk wieħed għandux jħallas jew le.

Is-Sindku nforma li l-Kunsill adotta l-miżura li sakemm aċċess ta' 1.2m jitħalla biex tgħaddi *wheelchair,* wieħed ma jħallasx. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-1.2m ġiet addottata għax il-liġi kull ma tgħid li ma jridx jkun hemm żgombru.

Il-Kunsillier Cassar nforma li fiż-żmien il-Kunsill kien jżomm miżata l-kulħadd, sakemm kien hemm ilment min applikant li rama *scaffolding*, u d-DLG talbitna nirrifondu €400, għax sakemm wieħed jgħaddi min taħt lis-*scaffolding* mela aċċess hemm. L-applikant kien intalab jħallas, għax l-aċċess kien anqas min 1.2m u *wheelchair* ma kienitx tgħaddi.

Is-Sindku qara l-korrispondenza li qed tiġi annessa bħala Appendiċi Ċ, u s-Sindku ssuġġerixxa li kulħadd għandu jħallas mil-1 ta' Jannar 2023, għax lis-żgombru dejjem qed jinħoloq. Il-Kunsillier nforma li jaħseb li ħa jerġa jiġri bħalma diġà ġara fejn kellna nirrifondu l-€400.

Fid-9:30 il-membri qablu li l-ħin tal-laqgħa jkun estiż sad-9:45pm.

Is-Sindku nforma li hawn Kunsilli li jżommu miżata għal-permess ta' *scaffolding*, u l-Kunsillier Cassar nforma li anke fejn jidħlu *claims* hawn Kunsilli ma jagħtu xejn, u dawn huma anomaliji bejn il-Kunsilli.

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tipprova issib l-imejl tad-DLG fejn talbuna nirrifondu €400, u l-Kunsill jiddeċiedi darba oħra rigward ħlasijiet ta' *scaffolding.*

Fid-9:35 il-Kunsillier Cassar talab biex jkun skużat mil-laqgħa.

**54.5.15 Measure 4.3 Update Proġett San Pawl tal-Qlejja (Wied tal-Qlejja)**

Is-Sindku nforma li kien ġie approvat baġit għal dan il-proġett, però saret riveduta l-pjanta, minħabba vetturi taz-zona industrijali li qed jkunu pparkjati f'Wied il-Qlejja, u għalhekk ser jsiru xi *planters* biex jkun hemm parkeġġ riżervat wieħed għall-qassis li jmur jqaddes f'din il-kappella. Minħabba ir-*redesign* tal-pjanta l-flus ta' l-iskema mhux ser jservu għalhekk irridu nżidu mil-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku nforma li ser jiċċirkola l-imejl bil-pjanta reveduta mal-Kunsilliera. Pjanta qed tiġi annessa bħala Appendiċi D. Il-perit tal-Kunsill irid jissottometti applikazzjoni *full development l-*Awtorità tal-Ippjanar minħabba l-bdil f'din il-pjanta.

**54.5.16 Update Dekasteri**

Is-Sindku nforma li bħala dekasteri l-Kunsilliera Galea ser jkollha; skemi, tenders, bord għall-aġġudikazzjoni ta' tenders, u applikazzjoni biex il-Mosta ssir belt. Huwa nforma wkoll li bħala Facebook ser jibda jieħu ħsiebu s-Sindku, u l-Kunsilliera Bonnici tgħin fit-tweġibiet tal-messaġġi *(Messenger)* li jidħlu b'mod partikolari dawk li jirrigwardjaw li skart.

**54.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**54.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 134.

**54.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**54.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*works orders*.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**54.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-listi tal-*petty cash* li jkopru xahar ta' Novembru 2022. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**54.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-10pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal l'10 ta' Jannar 2023 fis-6:00pm.

Konfermati llum 6 ta' Diċembru 2022.

IFFIRMATI
Chris Grech
Sindku

IFFIRMATI
Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv